# OPINJONI NRU 03/2010

## TAL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

**tat-28 ta' Mejju 2010**

**għal Regolament tal-Kummissjoni XXX/2010 li jistabbilixxi regoli implimentattivi għal-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni medika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

*R.F011-02 © L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, 2010. Id-drittijiet kollha riservati. Dokument proprjetarju.*

# I. Ġenerali

1. It-tkabbir kontinwu tal-avjazzjoni fl-Ewropa jwassal għal bosta sfidi, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatturi prinċipali tas-sikurezza tal-ajrudromi u l-ATM/ANS. Għalhekk, hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-miżuri neċessarji għat-tnaqqis tar-riskji sabiex tiġi assigurata s-sikurezza permezz ta' approċċ regolatorju ħolistiku, armonizzat, fl-Istati Membri kollha.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament Bażiku') kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009[2] jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. Id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar liċenzja komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru[3] għalhekk ġiet revokata, mingħajr preġudizzju għaċ-ċertifikazzjoni jew il-liċenzjar ta' persuni diġà mwettqa skont dik id-Direttiva. Ir-Regolament Bażiku jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta regoli implimentattivi għal-liċenzjar tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru u l-approvazzjonjiet assoċjati, li għandhom jirriflettu l-aħħar żviluppi, fosthom l-aħjar prattiċi u l-iżvilupp xjentifiku u tekniku, fil-qasam tat-taħriġ għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, ir-Regolament Bażiku jitlob li r-regoli implimentattivi jiġu inizjalment żviluppati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

3. L-iskop ta' din l-attività ta' tfassil tar-regoli huwa spjegat fit-Termini ta' Referenza (ToR) ATM.003[4] 'Estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolazzjoni tas-sikurezza tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS) – żvilupp ta' regoli dwar il-liċenzjar tal-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru'. Madankollu, kif spjegat aktar fid-dettall fil-Kapitolu II ta' din l-Opinjoni, il-kontenut u l-proċess ta' tfassil tar-regoli li segwiet l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-Aġenzija') ma kinux għal kollox skont it-ToR hawn fuq imsemmija. Il-kontenut ta' din l-Opinjoni jsegwi d-deċiżjoni meħuda mit-33 laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku Ewropew li saret fit-3 sal-4 ta' Diċembru 2004 u spjegat fl-ittra sussegwenti[5] tal-Kummissjoni Ewropea indirizzata lill-Aġenzija billi jiddefinixxi ulterjorment il-proċess 'mgħaġġel' għat-traspożizzjoni aċċellerata tar-regoli li diġà jeżistu, fost l-oħrajn id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

4. Fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, l-Opinjoni preżenti tkopri t-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva b'aġġornament tekniċi biss minimi. Irid jiġi sottolinjat li l-kontenut ta' din l-Opinjoni jirrappreżenta biss l-ewwel pass minn proċess f'żewġ fażijiet li hemm previst fl-ittra tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li l-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti li joħorġu mir-Regolament Bażiku u l-osservanza sħiħa tar-rekwiżiti essenzjali elenkati fl-Anness Vb ta' dik ir-Regolament se jiġu stabbiliti fi stadju aktar tard wara l-proċedura ta' tfassil tar-regoli adottata mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija. L-Aġenzija għandha temenda t-ToR imsemmija sabiex jirriflettu aħjar dan l-approċċ gradwali.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1).

[2] Ir-Regolament (KE) No 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

[3] Id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 22).

[4] http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/TORs2/ToR%20ATM.003.pdf

[5] TREN F2/JP/sr D(2009) 74614, datata 9 ta' Diċembru 2009.

5. Ix-xogħol twettaq minn grupp għat-tfassil tar-regoli mwaqqaf mill-Aġenzija. Il-kompożizzjoni tal-grupp għat-tfassil tar-regoli ġiet definita fuq il-bażi tal-proċeduri għat-tfassil tar-regoli tal-Aġenzija bil-għan li tirrifletti l-kumplessità tax-xogħol, il-kompetenza esperta neċessarja u l-partijiet interessati li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol. L-Aġenzija nnifisha wettqet il-funzjonijiet ta' segretarjat ta' dan il-grupp għat-tfassil tar-regoli u fformulat din l-Opinjoni.

6. L-Aġenzija hawnhekk tissottometti l-Opinjoni tagħha lill-Kummissjoni li tiddikjara li se twettaq bħala l-ewwel fażi, l-approċċ 'mgħaġġel' f'konformità legali mal-Artikoli 8c u 22b tar-Regolament Bażiku.

7. Ir-regoli proposti ġew żviluppati billi kienu kkunsidrati d-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar liċenzja Komunitarja għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll il-leġislazzjoni Komunitarja diġà eżistenti taħt il-qafas tal-Ajru Uniku Ewropew u l-istandards internazzjonali applikabbli u l-prattiċi rakkomandati ppubblikati mill-ICAO (jiġifieri l-Annessi) fuq il-bażi tal-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, ibbażat fuq l-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament Bażiku, li jitlob lill-Aġenzija biex tgħin lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Chicago, billi tipprovdi bażi għal interpretazzjoni komuni u implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tagħha, u billi tassigura li d-dispożizzjonijiet tagħha jingħataw il-konsiderazzjoni dovuta meta jitfasslu r-regoli implimentattivi.

8. Sabiex tassigura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli hawn fuq imsemmija tar-Regolament bażiku u sabiex tistabbilixxi l-konformità sħiħa mar-rekwiżiti essenzjali deskritti fl-Anness Vb tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija għandha tagħmel evalwazzjoni tas-sistema Ewropea ta' liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u tat-titjib ulterjuri li hemm bżonn għal 'approċċ totali tas-sistema tal-avjazzjoni', bl-iskop li bħala t-tieni pass tissottometti Opinjoni lill-Kummissjoni, li tinkludi l-miżuri implimentattivi neċessarji.

9. L-Opinjoni preżenti ġiet adottata, billi kienet segwita parzjalment il-proċedura speċifikata mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija[6], skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku. Id-devjazzjonijiet minn dik il-proċedura minħabba l-użu tal-approċċ 'veloċi', kif mitlub mill-Kummissjoni u l-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, ġew ippreżentati lill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, li kkonferma l-appoġġ tiegħu fil-prinċipju għall-użu ta' tali proċess f'dan il-każ speċifiku fejn diġà hemm fis-seħħ leġislazzjoni eżistenti, bis-suppożizzjoni li m'għandux ikun hemm tibdil sinifikanti fil-kontenut mir-regoli eżistenti.

## II. Konsultazzjoni

10. L-iskeda taż-żmien stretta imposta mill-approċċ 'veloċi' titlob li l-ewwel sett ta' regoli implimentattivi għandhom jiġu adottati fl-aħħar tal-2010. Dan ifisser li l-Aġenzija trid tikkonsenja din l-Opinjoni sa mhux aktar tard minn Ġunju 2010, li għamilha impossibbli għall-Aġenzija li ssegwi l-passi regolari tal-proċedura tat-tfassil tar-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni pubblika formali mal-partijiet interessati. Biex tiġi segwita l-proċedura regolari tat-tfassil tar-regoli, l-Aġenzija kien ikollha toħroġ Avviż ta' Amenda Proposta (NPA) segwita minn konsultazzjoni pubblika, li b'kollox kienu jkunu jeħtieġu minimu ta' sitta sa seba' xhur mill-mument tal-pubblikazzjoni tan-NPA sabiex jiġi ppubblikat id-Dokument ta' Reazzjoni għall-Kummenti (CRD) u sabiex tinħareġ l-Opinjoni. L-abbozz propost ta' regola jirrappreżenta traspożizzjoni tad-Direttiva li diġà teżisti, u ma nħarġet l-ebda Deċiżjoni tal-Aġenzija li tinkludi mezzi aċċettabbli ta' konformità jew materjal ta' gwida. Minħabba dawn ir-raġunijiet, ġie propost l-approċċ 'veloċi' u l-Opinjoni se tinħareġ direttament lill-Kummissjoni Ewropea u tiġi ppubblikata.

11. Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet interessati jkunu infurmati bl-aħjar mod possibbli dwar il-kontenut ta' din l-Opinjoni, l-Aġenzija flimkien mal-Kummissjoni Ewropea se tagħmel

---

[6] Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura tat-Tfassil tar-regoli). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

konferenza apposta sabiex tispjega fid-dettall il-kontenut ta' din il-Opinjoni. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tipprovdi sessjonijiet ta' informazzjoni separati dwar il-kontenut tal-Opinjoni lil tal-anqas il-korpi li ġejjin: il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku (SSC), l-Organu ta' Konsultazzjoni dwar l-Industrija (ICB), il-Bord Konsultattiv tal-EASA, il-Grupp Konsultattiv tal-Awtoritajiet Nazzjonali (AGNA) u l-Kumitat Konsultattiv dwar l-Istandards tas-Sikurezza (SSCC).

12. L-Aġenzija se tipprovdi konklużjonijiet bil-miktub dwar ir-riżultati tal-konferenza u sessjonijiet ta' informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u se tippubblikahom permezz tas-sit elettroniku ddedikat dwar l-ATM u l-Ajruporti[7].

## III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

### *Sfond*

13. Fit-twettiq ta' dan il-kompitu ta' tfassil tar-regoli bbażat fuq l-istruzzjonijiet li saret referenza għalihom aktar 'il fuq, kellhom jiġu kkunsidrati l-isfidi li ġejjin.

14. L-istrument legali eżistenti jieħu l-forma ta' Direttiva, li trid tiġi 'trasferita' f'Regolament. Din il-bidla fin-natura legali diġà timplika bidla sinifikanti fil-livell tas-setgħa vinkolanti tad-dispożizzjonijiet tal-att legali ġejjieni. Kuntrarju għad-Direttivi, li min-natura tagħhom huma vinkolanti fir-rigward tar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda jħallu l-għażla tal-forma u l-metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali, u għalhekk jeħtieġu t-traspożizzjoni fis-sistema legali nazzjonali tal-Istati Membri, Regolament għandu applikazzjoni ġenerali u huwa vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

15. Id-Direttiva eżistenti ġiet ippromulgata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 80(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, filwaqt li l-bażi legali tar-regoli implimentattivi l-ġodda hija l-Artikolu 8c tar-Regolament Bażiku, li ta s-setgħa lil-Kummissjoni li tadotta miżuri sabiex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dak l-Artikolu billi tissupplimentah. L-għanijiet, l-ambitu u l-kontenut tad-delegazzjoni tal-poter huma definiti b'mod ċar fir-Regolament bażiku u dawn jikkostitwixxu limiti ċari sabiex jiġu ppromulgati r-regoli implimentattivi bbażati fuq dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament Bażiku jistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali komuni sabiex jipprovdi għal livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u jitlob li l-Kummissjoni tadotta r-regoli implimentattivi neċessarji sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tagħhom.

16. L-applikazzjoni uniformi tar-regoli implimentattivi hija element fundamentali fl-istabbiliment u ż-żamma ta' livell uniformi għoli ta' sikurezza fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u għalhekk fattur ewlieni sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mir-Regolament Bażiku. Għaldaqstant, ma jistgħux jinżammu s-setgħat diskrezzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti komuni.

17. Fl-aħħar nett, iż-żamma u t-titjib tal-iskema komuni tal-liċenzjar għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni Ewropea hija element essenzjali tas-sistema Ewropea ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Il-provvediment għal-livell uniformi komuni tas-sikurezza għandu jsaħħaħ ukoll ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji u jiffaċilita l-moviment ħieles tal-persuni u s-servizzi.

### *Bidliet imwettqa meta mqabbel mad-Direttiva eżistenti*

18. Fit-twettiq ta' dan il-kompitu ta' tfassil tar-regoli, l-Aġenzija ma daħħlet l-ebda bidliet sostantivi fl-iskema tal-liċenzjar tal-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew fir-rekwiżiti tal-liċenzjar. Ċerti bidliet li jaffettwaw xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva, madankollu, ma setgħux jiġu evitati minħabba l-**bażi legali differenti** deskritta aktar 'il fuq u minħabba l-għanijiet definiti b'mod ċar, l-ambitu u l-kontenut tad-delegazzjoni tal-poteri li joħorġu mir-regolament superjuri (ara b'mod partikolari l-Artikolu 8c(10) tar-Regolament Bażiku.

---

[7] http://easa.europa.eu/atm/index.html

F'każijiet bħal dawn, kemm l-Aġenzija kif ukoll l-esperti tal-grupp responsabbli mit-tfassil tar-regoli, fittxew li jsibu soluzzjonijiet li jippermettu ż-żamma tal-istatus quo preżenti li jeżisti fl-Istati Membri u ma jikkostitwux bidliet sinifikanti fil-livell tar-rekwiżiti.

Eżempji:

(1) Id-definizzjoni tal-iskop tar-Regolament Bażiku ma tippermettix li l-ambitu ta' din ir-regola implimentattiva jiġi estiż direttament għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jaħdmu taħt ir-responsabbiltà ta' ANSP li joffri servizzi lil movimenti ta' inġenji tal-ajru li mhumiex GAT (ġeneralment tfisser il-fornituri militari). Minflok, u kompletament bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-servizzi pprovduti jew magħmula disponibbli mill-persunal militari lill-pubbliku joffru tal-anqas l-istess livell ta' sikurezza u jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-prinċipji ta' din ir-regola implimentattiva għall-persunal militari tagħhom li jipprovdu servizzi lill-pubbliku fuq bażi volontarja;

(2) L-introduzzjoni ta' rekwiżiti bażiċi rigward is-sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ, b'referenza espliċita għall-ħatra tal-maniġer responsabbli, l-obbligi ta' żamma tar-rekords u l-għoti ta' aċċess għall-faċilitajiet lill-awtorità kompetenti sabiex tistabbilixxi bażi għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali u r-regoli applikabbli tal-ICAO.

19. Kienu meħtieġa iżjed bidliet sabiex **jiġu mmaniġġjati l-poteri diskrezzjonali** attribwiti lill-Istati Membri skont id-Direttiva. Dawn il-poteri ma jistgħux jinżammu taħt ir-reġim tar-Regolament Bażiku billi jikkontradixxu l-prinċipji regolatorji ta' dak ir-Regolament. Bħala soluzzjoni ta' kompromess, huwa propost li jinżammu xi wħud minn dawn l-arranġamenti permezz ta' arranġamenti tranżitorji xierqa minflok dispożizzjonijiet ġenerali li jippermettu lill-Istati Membri jkomplu jiddefinixxu 'varjanti' nazzjonali. Tali miżuri tranżitorji għandhom jippermettu lill-Istati Membri li jkunu diġà stabbilew tali varjanti, li jkomplu japplikaw il-liġi nazzjonali tagħhom sakemm jinħolqu r-regoli komuni biex jieħdu post il-varjazzjonijiet eżistenti. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jkomplu l-prattiċi preżenti tagħhom mingħajr ma jikkompromettu s-sistema stabbilita mir-Regolament Bażiku mingħajr ma tippermettilhom li jistabbilixxu devjazzjonijiet mir-regoli ġenerali barra mill-possibilità diġà mogħtija mir-Regolament Bażiku.

Eżempji:

(1) L-użu ta' approvazzjonijiet nazzjonali;

(2) Tingħata l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex jintroduċu limitu tal-età għall-eżerċizzju tal-privileġġi ta' approvazzjoni tal-unità.

20. Dehriet oħra ta' poteri diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri kellhom jiġu indirizzati b'metodoloġija differenti. Dwar dawk il-**possibbiltajiet ta' devjazzjoni**, li jikkwalifikaw għall-użu tad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà offruti mill-Artikolu 14(6) u (7) tar-Regolament Bażiku, m'hemm ebda possibbiltà ta' devjazzjoni mir-rekwiżiti b'mezzi oħra ħlief permezz ta' dawk id-dispożizzjonijiet. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri biex f'każijiet ġustifikati jiddevjaw mill-istandards stabbiliti fir-regoli implimentattivi, filwaqt li tassigura li jinkiseb livell ekwivalenti ta' protezzjoni, li tippermetti r-rikonoxximent reċiproku u saħansitra l-applikazzjoni minn Stati Membri oħra, tal-istess miżura għal każijiet simili. Dan japplika għall-possibbiltajiet ta' devjazzjoni fir-rigward tal-istandards edukattivi u l-età minima.

Eżempji:

(1) Fir-rigward tas-setgħat mogħtija lill-Istati Membri sabiex jiddevjaw mill-istandards edukattivi preskritti, l-Aġenzija qiegħda tipproponi li temenda u tiġġeneralizza r-rekwiżiti rilevanti għall-istandards edukattivi sabiex ma jkunx hemm bżonn li tiġi stabbilita proċedura speċjali għall-każijiet substandard, li tkun devjazzjoni mill-possibbiltà ġenerali ta' devjazzjoni offruta mir-Regolament Bażiku nnifsu.

(2) Il-possibbiltà li tiġi permessa età tad-dħul aktar baxxa tikkostitwixxi kwistjoni aktar kumplessa billi din id-devjazzjoni, taħt ir-reġim preżenti tad-Direttiva, tista' taffettwa wkoll ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji. L-Aġenzija hija tal-opinjoni li l-possibbiltà ta' devjazzjoni fir-rigward tal-età tad-dħul hija mogħtija awtomatikament lill-Istati Membri mir-Regolament Bażiku, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-użu tad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà. Madankollu, kif spjegat aktar 'il fuq, id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà tar-Regolament Bażiku jimplikaw b'mod espliċitu r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji kollha maħruġa skont ir-regoli komuni applikabbli, liema prinċipju japplikaw wkoll għal-liċenzji maħruġa skont id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà. Għalhekk, li tinżamm il-possibbiltà ta' rifjut tar-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji maħruġa skont id-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà, sabiex tippermetti limitu ta' età iżjed baxx, ma jkunx legalment u teknikament possibbli u ġustifikabbli. Minħabba f'hekk, u kkonfrontata bil-mandat limitat biex twettaq aġġornamenti tekniċi minimi biss, l-Aġenzija tipproponi żewġ opzjonijiet għall-iskop tal-Artikolu 29 marbuta mal-Artikolu 8(3)(a), bi preferenza ċara għall-opzjoni A fiż-żewġ każijiet, billi hija soluzzjoni teknikament u legalment tajba u fl-istess ħin tassigura l-konformità mar-rekwiżit rilevanti tal-ICAO.

21. Kellhom isiru ċerti **bidliet editorjali** sabiex jiffaċilitaw l-applikabilità diretta tad-dispożizzjonijiet mingħajr regoli implimentattivi nazzjonali (1), sabiex tallinja t-terminoloġija tar-regola implimentattiva ma' dik tar-Regolament Bażiku (2), jew biex tarmonizza r-referenzi użati fir-rigward tal-perjodi ta' validità matul it-test kollu (3).

Eżempji:

(1) Ir-Regolament jistipula li applikazzjoni għal liċenzja trid tiġi indirizzata lill-awtorità competent fil-forma u l-mod mitluba minn din l-awtorità – tali rekwiżiti proċedurali ma kinux jidhru fid-Direttiva, billi din kienet qiegħda tistabbilixxi biss il-miri li kellhom jintlaħqu permezz tar-regoli implimentattivi nazzjonali;

(2) L-użu tat-terminu 'organizzazzjoni tat-taħriġ' minflok 'fornitur tat-taħriġ' sabiex tallinja t-terminoloġija ma' dik tar-Regolament Bażiku; bl-użu tat-terminu 'awtorità kompetenti' minflok NSA, bħal fil-każ ta' ċerti kompiti limitati iżda definiti sewwa, l-Aġenzija trid tassumi r-rwoli tal-awtoritajiet nazzjonali, li jitlob l-użu ta' terminu aktar ġenerali;

(3) L-armonizzazzjoni tar-referenzi għall-perjodi ta' validità, bi preferenza għall-użu ta' kalkoli fi snin minflok ta' xhur.

22. Kellhom jitwettqu **aġġornamenti tekniċi minimi** sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 8c(11) tar-Regolament Bażiku u sabiex jirriflettu l-aħħar żviluppi, fosthom l-aħjar prattiċi u l-progress xjentifiku u tekniku, fil-qasam tat-taħriġ għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Dawn il-bidliet jinkludu l-aġġornament neċessarju tar-referenzi (1) u kjarifiki oħra li nstab li kienu neċessarji mill-esperti tal-grupp responsabbli għat-tfassil tar-regoli (2)(3).

Eżempji:

(1) L-aġġornament tar-referenza għall-aħħar edizzjoni tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Eurocontrol għall-*ATCO Common Core Content Initial Training* fl-Anness rilevanti;

(2) L-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu meħtieġa b'mod ċar li jkollhom approvazzjoni lingwistika sabiex ikunu armonizzati l-prattiċi nazzjonali diverġenti f'dan il-qasam;

(3) Il-validazzjoni mill-ġdid taċ-ċertifikati mediċi hija ssuġġerita li tiġi kkjarifikata bl-introduzzjoni ta' perjodu ta' validazzjoni mill-ġdid ta' 45 ġurnata li ma jaffettwax id-data tal-bidu/tat-tmiem tal-validità.

23. Kellhom jiġu introdotti wkoll **bidliet addizzjonali fl-istruttura**. Fuq il-bażi tal-istruzzjonijiet li saret referenza għalihom aktar 'il fuq, dan l-abbozz ta' regola

implimentattiva ma jsegwix l-istruttura orizzontali prevista għar-regoli implimentattivi tar-Regolament Bażiku u jinkludi d-dispożizzjonijiet kollha rilevanti għal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru f'biċċa waħda tal-leġislazzjoni. L-abbozz ta' test issa huwa maqsum f'Kapitoli u Artikoli. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni faċli u aktar tard l-inkorporazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fl-istruttura orizzontali tar-regoli implimentattivi, huma ddedikati kapitoli separati għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, għar-rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u dawk applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti. Fi ħdan kull Kapitolu, ir-rekwiżiti huma miġburin flimkien skont is-suġġetti tagħhom (1)(2).

Eżempju:

(1) Il-privileġġi u l-kundizzjonijiet rilevanti għal-liċenzja ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru huma miġburin flimkien f'artikolu wieħed;

(2) Id-dispożizzjoni dwar il-validità tal-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, issa hija maqsuma f'żewġ dispożizzjonijiet, u dawn jidhru rispettivament fl-artikoli rilevanti.

***Ippjanar għat-tieni fażi***

24. Bin-natura legali speċifika tagħha, Direttiva tħalli l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tagħha f'idejn l-Istati Membri, li mhuwiex il-każ għal Regolament, li l-għan tiegħu huwa li jkun applikabbli direttament u jkollu effett dirett fl-ordni legali tal-istati Membri. Minħabba l-proċess 'veloċi' u l-mandat limitat mogħti lill-Aġenzija biex twettaq aġġornamenti tekniċi minimi biss, ma kienx possibbli li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet, ir-rekwiżiti u l-proċeduri kollha attwalment neqsin mid-Direttiva meta mqabbla mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament Bażiku.

25. Sar qbil li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati u solvuti b'mod sħiħ biss matul it-tieni fażi tal-iżvilupp ta' regoli implimentattivi għal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, li l-għan tagħhom se jkun l-implimentazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti li joħorġu mir-Regolament Bażiku u li jistabbilixxu konformità sħiħa mar-rekwiżiti essenzjali elenkati fl-Anness Vb ta' dak ir-Regolament.

26. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa mill-Aġenzija flimkien mal-esperti tal-grupp responsabbli għat-tfassil tar-regoli, f'dan l-istadju diġà ġew identifikati numru ta' kwistjonijiet, fejn huma meħtieġa aktar azzjonijiet leġislattivi sabiex jintlaħaq l-għan hawn fuq imsemmi, fosthom l-iżvilupp ta' rekwiżiti addizzjonali sabiex itejbu d-dispożizzjonijiet eżistenti. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal dawn li ġejjin:

- L-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli għal-limitu tal-età, il-kwalifiki edukattivi u r-rekwiżiti lingwistiċi;
- L-eżami tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, kif ukoll tal-moduli ta' taħriġ bil-għan li tiġi stabbilita konformità sħiħa mar-rekwiżiti essenzjali u l-istabbiliment ta' regoli implimentattivi u mezzi aċċettabbli ta' konformità rilevanti għat-taħriġ għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;
- L-istabbiliment ta' regoli dettaljati u addattati applikabbli għall-assessjar tal-kompetenza, għall-istrutturi u l-evalwaturi, filwaqt li jitqies it-tip ta' tagħlim li jingħata jew l-assessjar li jiġi pprovdut sabiex tkun stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali, kif ukoll tal-proċeduri applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom;
- L-istabbiliment ta' regoli implimentattivi u mezzi aċċettabbli ta' konformità rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;
- L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet iżjed dettaljati fir-rigward tat-tnaqqis fis-saħħa fiżika u l-użu ta' sustanzi u mediċi psikoattivi;
- L-introduzzjoni eventwali ta' klassifikazzjonijiet addizzjonali u approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni;

- L-introduzzjoni ta' mudelli għal-liċenzji u ċ-ċertifikati;
- L-integrazzjoni tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti u għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ, fil-partijiet rilevanti tal-istruttura tar-regoli orizzontali proposta mill-Aġenzija f'NPA 2008-22[8];
- L-iżvilupp ta' rekwiżiti u kriterji għall-approvazzjoni tal-valutaturi u, jekk ikun hemm bżonn, għall-eżaminaturi;
- It-titjib tar-rekwiżiti għas-sistema ta' ġestjoni skont dak li ġie propost fl-imsemmi NPA u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-ICAO li hemm fl-Anness 1 għall-ġestjoni tas-sikurezza;
- Id-definizzjoni tal-privileġġi tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ fir-rigward tal-korsijiet ta' taħriġ, il-pjanijiet ta' taħriġ u l-approvazzjonijiet u l-bidliet fl-iskemi tal-kompetenzi; u
- L-iżvilupp ta' rekwiżiti għal apparati sintetiċi ta' taħriġ.

27. Għal dan il-għan, l-Aġenzija qiegħda tipproponi li tagħmel evalwazzjoni tas-sistema Ewropea ta' liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u tat-titjib addizzjonali li hemm bżonn għal 'approċċ totali għall-avjazzjoni ċivili' sabiex tissottometti bħala t-tieni pass, Opinjoni lill-Kummissjoni, li tkun tinkludi l-miżuri implimentattivi neċessarji.

28. L-opinjoni msemmija hawn fuq għandha tindirizza wkol dawk il-kwistjonijiet, fejn issa, bil-proċedura aċċellerata, ma kienx hemm possibbiltà li jiġu stabbiliti regoli komuni minflok id-dispożizzjonijiet nazzjonali diverġenti u għalhekk l-Aġenzija qiegħda tipproponi li żżomm l-applikabilità tal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, fejn applikabbli, fuq bażi tranżitorji (ara wkoll il-punt 19 għal aktar spjegazzjoni).

### *Kontenut*

### *Kapitolu 1 — Prinċipji bażiċi*

29. Dan il-Kapitolu jinkludi l-prinċipji bażiċi li huma applikabbli f'dan ir-Regolament. L-Artikoli 1 u 2 jiddefinixxu l-**għanijiet, is-suġġet u l-ambitu** tar-Regolament. Is-suġġett huwa sabiex jikkjarifika dwar xiex inhu l-att, filwaqt li l-ambitu jirreferi għall-kategoriji ta' sitwazzjonijiet ta' fatt jew tal-liġi u l-persuni li għalihom japplika l-att. Dan il-kapitolu jinkludi wkoll il-lista ta' definizzjonijiet u d-definizzjoni tal-awtorità kompetenti. It-terminoloġija f'dawn l-artikoli kellha tiġi allinjata mat-terminoloġija l-ġdida tat-Trattat ta' Lisbona. L-ambitu u s-suġġett ta' din ir-regola implimentattiva jiddependu fuq dawk tar-Regolament Bażiku, u għalhekk ma jistgħux jiġu estiżi lil hinn minn dawk tal-att legali li jiddelega s-setgħat.

30. Id-definizzjoni tal-ambitu tar-Regolament Bażiku ma tippermettix li l-ambitu ta' din ir-regola implimentattiva jiġi estiż direttament għall-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jaħdmu taħt ir-responsabilità ta' ANSP li joffri servizzi lil movimenti ta' inġenji tal-ajru għajr GAT (li ġeneralment tfisser il-fornituri militari). Minflok, u kompletament bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li s-

---

[8] Dan in-NPA jipproponi li r-rekwiżiti tal-'organizzazzjoni' għall-organizzazzjonijiet irregolati tal-avjazzjoni jiġu inklużi f'regola implimentattiva waħda applikabbli għall-organizzazzjonijiet irregolati kollha tal-avjazzjoni (Part-OR). Dawk ir-rekwiżiti komuni tal-organizzazzjoni li japplikaw għall-organizzazzjonijiet kollha (eż. is-sistema ta' ġestjoni, il-ħtiġijiet personali ġenerali, l-aċċess għall-faċilitajiet, iż-żamma tar-rekords) huma ġeneralizzati f'dik li ssemmiet sottoparti OR.GEN. Dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull tip ta' organizzazzjoni tal-avjazzjoni (eż. ANSPs, organizzazzjonijiet tat-taħriġ, operaturi tal-ajru, operaturi tal-ajrudromi) se jkun fihom rekwiżiti addizzjonali tal-organizzazzjoni f'sottopartijiet addizzjonali (eż. OR.ATO, OR.OPS). Id-dispożizzjonijiet proposti għall-immaniġġjar tas-sikurezza huma inklużi f'Part-OR, Sottoparti OR.GEN, sezzjoni 2, OR.GEN.200. L-Aġenzija bħalissa qiegħda tevalwa l-kummenti li rċeviet matul il-konsultazzjoni pubblika ta' dan in-NPA. Id-Dokument rilevanti ta' Reazzjoni għall-Kummenti u t-test rivedut se jiġu ppubblikati ma jdumux.

servizzi pprovduti jew magħmula disponibbli minn persunal militari għall-pubbliku, joffru tal-anqas il-livell ekwivalenti ta' sikurezza (paragrafu 3). Importanti wieħed jenfasizza li minħabba l-esklużjoni ċara l-militar mill-ambitu tar-Regolament Bażiku, mhuwiex possibbli li l-applikabilità tar-regoli komuni tiġi estiża għalihom permezz ta' din ir-regola implimentattiva. Bħala kompromess, l-EASA għalhekk tissuġġerixxi li kemm fil-parti prinċipali tat-test kif ukoll fil-premessi jiġi sottolinjat li l-Istat Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-prinċipji ta' dan ir-Regolament (jiġifieri l-prinċipji tar-regoli ċivili) għall-kontrolluri militari tagħhom fuq bażi militari jekk ikunu jixtiequ dan sabiex iżommu l-istess livell ta' sikurezza (paragrafu 4).

31. It-terminoloġija hija allinjata ma' dik tar-Regolament Bażiku. Għalkemm huwa differenti, huwa kkunsidrat li l-użu tat-terminu 'pubbliku' ('servizzi pprovduti jew magħmula disponibbli għall-pubbliku') jassigura kopertura suffiċjentement wiesgħa għall-iskop li jiġi żgurat il-livell ekwivalenti ta' sikurezza. Għandu jiġi nnotat li t-terminu 'effettiv' inbidel għal 'ekwivalenti' sabiex jibqa' kemm jista' jkun viċin tat-test tad-Direttiva. Sabiex tiġi faċilitata l-interpretazzjoni, fil-premessi tpoġġew ukoll spjegazzjonijiet dwar il-ħsieb tal-leġislatur.

32. L-Artikolu 3 fih id-**definizzjonijiet**, fejn saru biss bidliet editorjali, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jaqblu mat-terminoloġija użata fir-Regolament Bażiku, kif ukoll sabiex jiġu llimitati għall-elementi neċessarji ta' definizzjoni, li tfisser it-tneħħija tal-elementi normattivi u aktar tard ripetuti pereżempju fid-definizzjoni ta' 'klassifikazzjoni'. Fir-rigward tat-tieni fażi, għandu jiġi nnotat li r-Regolament Bażiku juża konsistentement it-terminu 'ċertifikat' b'rabta mal-istrutturi u l-valutaturi, iżda fl-approċċ 'veloċi' ma kienx previst li jiddaħħal dan it-terminu. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-'approvazzjoni ta' istruttur', li għandha tissejjaħ ċertifikat, huwa limitat ħafna meta mqabbel ma' dak li hemm previst fir-Regolament Bażiku.

33. L-Artikolu 4 jintroduċi u jiddefinixxi t-terminu **awtorità kompetenti**. Ir-referenzi għall-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Sorveljanza (NSA) kif użati fid-Direttiva ġew sostitwiti b'referenzi għall-awtoritajiet kompetenti. Ir-raġuni għal din il-bidla hija l-ħtieġa għal approċċ u terminoloġija aktar wiesgħa, billi f'ċerti każijiet definiti sewwa, l-Aġenzija hija maħtura sabiex taġixxi bħala awtorità kompetenti. Dan ix-xogħol maqsum huwa spjegat f'dan l-Artikolu segwit mill-użu konsistenti tat-terminu 'awtorità kompetenti' matul it-test tal-abbozz ta' regola implimentattiva. Irid jiġi sottolinjat ukoll li din il-bidla fil-kliem ma taffettwax l-istatus u l-kontinwità tan-NSAs preżenti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni, ġie miżjuda wkoll premessa rilevanti.

### *Kapitolu 2 — Prinċipji għall-għoti ta' liċenzji*

34. L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jistabbilixxi u jiġbor flimkien il-**prinċipji bażiċi** applikabbli għal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

35. L-Artikolu 5 jimplika li l-awtorità kompetenti għandha tkun stabbiliet il-proċeduri l-formola tal-applikazzjoni sabiex jimmaniġġja l-applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn evidenza dwar il-kompetenzi tal-applikant. Prinċipju ieħor importanti li għandu jiġi enfasizzat huwa li l-liċenzja jew iċ-ċertifikat għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha rilevanti għall-privileġġi mogħtija minn dak id-dokument. Barra minn hekk, bħal qabel, il-liċenzja għandha tibqa' l-proprjetà tal-persuna li lilha tkun ingħatat sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment ħieles tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u dan l-artikolu jiddefinixxi l-każijiet għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenzja.

36. L-għan tal-Artikolu 6 li għadu kemm iddaħħal huwa sempliċement li jsaħħaħ il-prinċipju bażiku ewlieni tal-għoti tal-liċenzji meta jsostni li l-privileġġi mogħtija minn liċenzja jiddependu dejjem fuq il-validità tal-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u taċ-ċertifikat mediku.

### *Kapitolu 3 — Liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet*

37. L-għan ta’ dan il-Kapitolu huwa li jissottolinja l-privileġġi u l-kundizzjonijiet assoċjati mal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet, filwaqt li jiġbor flimkien ukoll ir-rekwiżiti rilevanti (pereżempju l-perjodi ta’ validità) flimkien mal-kwistjonijiet attwali li għalihom jirreferu.

38. L-Artikolu 7 jiġbor flimkien il-privileġġi (paragrafu 7) mogħtija mil-**liċenzja ta’ student kontrollur tat-traffiku tal-ajru** u l-kundizzjonijiet (paragrafu 2) applikabbli sabiex tinkiseb din il-liċenzja, li qabel kienu fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva.

39. Fir-rigward tar-rekwiżiti sabiex tinkiseb liċenzja ta’ student kontrollur tat-traffiku tal-ajru, ma kienet introdotta l-ebda bidla sinifikanti. Madankollu, l-approċċ lejn standard minimu edukattiv kellu bżonn jiġi rivedut sabiex tiġi eliminata l-possibbiltà mogħtija mid-Direttiva lill-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar devjazzjonijiet eventwali. Billi l-preżenza ta’ approċċi u proċeduri differenti fost l-Istati Membri tista’ timmina l-effett mistenni tar-regoli komuni, issa qed jiġi propost li r-rekwiżit rilevanti għall-istandards edukattivi jiġi ġeneralizzat sabiex ma jkunx hekk il-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċeduri speċjali għal proċeduri speċifiċi, iżda xorta jitħalla ċertu spazju ta’ manuvrar sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tal-applikant li jtemm b’suċċess it-taħriġ tiegħu.

40. Fil-paragrafu 3, saru ċerti bidliet teknici u editorjali bil-għan li jiġi kkjarifikat l-obbligu li tkun inkluża wkoll l-approvazzjoni lingwistika fiċ-ċertifikat tal-istudent, kif ukoll li t-terminu ‘jekk applikabbli’ jirrigwarda l-klassifikazzjoni b’rabta mal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni u ma joffrix għażla lill-fornitur tas-servizz.

41. L-Artikolu 8 jiġbor flimkien il-privileġġi (paragrafu 1) mogħtija mil-**liċenzja ta’ kontrollur tat-traffiku tal-ajru** u l-kundizzjonijiet (paragrafu 3) applikabbli sabiex tinkiseb din il-liċenzja. Id-dispożizzjoni l-ġdida mdaħħla fil-paragrafu 2 tindirizza s-sitwazzjonijiet fejn kontrollur tat-traffiku tal-ajru jkun irid jieħu aktar taħriġ, jew minħabba li jkun sejjer f’pajjiż ieħor jew minħabba bidla fit-taqsima li huwa/hija jkunu qegħdin jaħdmu fiha. F’każijiet bħal dawn, huwa kkunsidrat importanti li l-kontrollur ‘apprendist’ ikun jista’ jibni fuq il-liċenzja tiegħu/tagħha ta’ kontrollur tat-traffiku tal-ajru, li naturalment tinkludi l-privileġġi ta’ liċenzja ta’ student kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

42. Fir-rigward tar-rekwiżiti sabiex tinkiseb liċenzja ta’ kontrollur tat-traffiku tal-ajru, ma kienet introdotta l-ebda bidla sinifikanti. Madankollu, l-approċċ sabiex tkun meħtieġa età minima kellu jiġi addattat għall-filosofija u l-prinċipji tar-Regolament Bażiku, li huwa s-sors superjuri ta’ obbligi legali. Skont ir-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiddevjaw mir-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet implimentattivi billi jużaw il-proċedura deskritta fl-Artikolu 14(6) u (7) tar-Regolament Bażiku, l-hekk imsejħa ‘dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà’. Dan diġà jippermetti lill-Istati Membri li jiddevjaw mill-istandard f’każijiet ġustifikati sewwa, filwaqt li jassigura li jinkiseb livell ekwivalenti ta’ protezzjoni, li jippermetti r-rikonoxximent reċiproku u saħansitra l-applikazzjoni tal-istess miżura minn Stati Membri oħra f’każijiet simili. Għaldaqstant, m’hemmx il-bżonn (u l-ebda possibbiltà legali) f’din ir-regola ta’ implimentazzjoni, li tiġi stabbilita proċedura oħra sabiex timmaniġġja d-devjazzjonijiet minn dan ir-rekwiżit speċifiku. L-Aġenzija tixtieq ukoll tissottolinja li l-età minima ta’ 21 sena għall-applikanti għal liċenzja ta’ kontrollur tat-traffiku tal-ajru hija standard tal-ICAO, li jkompli jsaħħaħ il-ħtieġa li jiġu ġġustifikati u mmitigati sewwa l-konsegwenzi li jista’ jkun hemm għas-sikurezza, ta’ devjazzjoni minnha. Minkejja dan ir-raġunament, sabiex tegħleb id-diffikultà li tirriżulta mill-mandati kunfliġġenti li rċeviet, l-Aġenzija issa qiegħda tipproponi żewġ opzjonijiet għal aktar konsiderazzjoni. Fl-opzjoni A, il-paragrafu (a) tal-Artikolu 8(3) huwa limitat għal sentenza waħda li tinkludu limitu ċar tal-età ta’ 21 sena bbażat fuq ir-rekwiżit tal-ICAO mingħajr l-ebda possibbiltà ta’ devjazzjoni. Fl-opzjoni B, madankollu, il-possibbiltà ta’ devjazzjoni fir-rigward tal-età minima hija miżjuda kif ikkupjata mid-Direttiva.

43. Rigward il-konsegwenzi tal-iddevjar mir-rekwiżit tal-età minima kif preskritt mill-ICAO, trid tiġi sottolinjata kwistjoni oħra ta’ proċedura. L-użu tad-dispożizzjonijiet ta’ flessibbiltà

offruti mir-Regolament Bażiku sabiex wieħed jiddevja, awtomatikament jimplika r-rikonoxximent reċiproku tad-devjazzjoni eventwali, jekk ġustifikata u approvata, li fih innifsu jikkostitwixxi approċċ differenti meta mqabbel ma' dak tad-Direttiva, fejn l-Istati Membri kienu permessi li ma jagħrfux il-liċenzji ta' detenturi b'età aktar baxxa (ara – Artikolu 15(1) dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru). Sabiex tegħleb id-diffikultà li tirriżulta mill-mandati konfliġġenti li rċeviet, l-Aġenzija issa qiegħda tipproponi żewġ opzjonijiet għal aktar konsiderazzjoni. L-opzjoni A, kif ippreżentata fl-abbozz ta' test tal-Artikolu 29, li jikkonsisti biss minn paragrafu wieħed, tirrinforza l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku mingħajr l-ebda limitazzjoni ulterjuri. L-opzjoni B madankollu żżomm ukoll possibbiltà ta' limitazzjoni għall-Istati Membri fir-rigward ta' dawk il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, li jkunu għadhom ma laħqux il-limitu minimu tal-età ta' 21 sena. Sabiex ma tikkompromettix il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, din il-limitazzjoni hija fformulata b'mod kemxejn differenti u tillimita l-eżerċizzju tal-privileġġi tagħhom għall-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tagħhom.

44. Fuq il-bażi tal-ispjegazzjonijiet ta' hawn fuq, l-Aġenzija għandha preferenza ċara għall-opzjoni A fiż-żewġ postijiet, billi hija s-soluzzjoni teknikament u legalment tajba u fl-istess ħin tassigura l-konformità mar-rekwiżit rilevanti tal-ICAO.

45. L-Artikolu 9 fih id-deskrizzjoni tal-**klassifikazzjonijiet**, li mhijiex mibdula u, barra minn hekk, il-perjodu ta' validità rilevanti għall-klassifikazzjonijiet tqiegħed fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' konsistenza u qari faċli.

46. L-Artikolu 10 fih id-deskrizzjoni tal-**approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet**, li wkoll mhijiex mibdula u, barra minn hekk il-perjodu ta' validità rilevanti għall-klassifikazzjonijiet tqiegħed fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' konsistenza u qari faċli.

47. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet, setgħa diskrezzjonali importanti mogħtija lill-Istati Membri bid-Direttiva kellha tiġi mmaniġġjata skont iċ-ċirkustanzi legali l-ġodda. Kif diġà ġie deskritt aktar 'il fuq fil-paragrafu 19, dawn is-setgħat ma jistgħux jinżammu taħt ir-reġim tar-Regolament Bażiku billi jmorru kontra l-prinċipji regolatorji ta' dak ir-Regolament. Bħala soluzzjoni ta' kompromess, huwa propost li jitneħħa l-paragrafu 4 tal-Artikolu 7 tad-Direttiva u tinżamm il-possibbiltà ta' approvazzjonijiet nazzjonali tal-klassifikazzjonijiet permezz ta' arranġament tranżitorji xieraq li jippermetti lill-Istati Membri li jkomplu japplikaw 'varjanti' nazzjonali. Miżura tranżitorji bħal din tippermetti lill-Istati Membri li diġà stabbilew approvazzjonijiet nazzjonali tal-klassifikazzjonijiet, li jkomplu japplikawhom skont il-liġi nazzjonali tagħhom sakemm ikun hemm żmien biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti regoli komuni minflok id-dispożizzjonijiet nazzjonali diverġenti. Il-vantaġġ ta' dan l-approċċ huwa li jippermetti lill-Istati Membri jkomplu l-prattiċi kurrenti tagħhom, iżda fl-istess ħin dan l-approċċ ma jippermettix li jkomplu jiġu stabbiliti devjazzjonijiet mir-regoli ġenerali 'l barra mill-possibbiltajiet mogħtija mir-Regolament Bażiku. Għandu wkoll il-vantaġġ li joħloq sitwazzjoni ta' 'waqfien' sabiex jiffaċilita l-iżvilupp tar-rekwiżiti komuni matul it-tieni fażi.

48. L-Artikolu 11 issa qiegħed jittratta l-**approvazzjonijiet tal-unità**, fosthom il-perjodu ta' validità tagħhom u l-proċedura sabiex tiġi estiża l-validità tagħhom għar-raġuni ta' konsistenza. Saru bidliet editorjali meta mqabbel mat-test rilevanti tad-Direttiva fil-paragrafi 3 u 4 bil-għan li jkun assigurat li l-validità tal-approvazzjonijiet tal-unità jkunu jistgħu jiġu estiżi mhux biss darba 'għall-perjodu li jmiss ta' 12-il xahar', iżda 'għal perjodu suċċessiv ta' 12-il xahar'. Hija kkunsidrata wkoll bħala bidla teknika neċessarja sabiex tfisser id-dritt tad-detenturi ta' liċenzja li jiksbu informazzjoni dwar is-sigħat li fil-fatt ikunu ħadmu. Iż-żieda fil-paragrafu 4 tirrigwarda l-għoti tar-responsabbiltà sabiex jitnaqqsu n-numru ta' sigħat, skont il-prattika preżenti.

49. Rigward it-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tad-Direttiva li tippermetti l-introduzzjoni ta' limitu tal-età għall-eżerċizzju tal-privileġġi ta' approvazzjoni tal-unità, irid jingħad b'mod ċar li tali setgħa diskrezzjonali mhijiex konformi mar-Regolament Bażiku u ma tistax tinżamm bħala tali. Kif diġà ġie spjegat fil-kuntest tal-bidliet, l-unika possibbiltà għall-

Istati Membri sabiex jiddevjaw mir-Regolament Bażiku u r-regoli implimentattivi tiegħu huwa billi jużaw id-dispożizzjoni tal-flessibbiltà offruta mill-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament, bil-kundizzjoni li jinkiseb livell ekwivalenti ta' protezzjoni, iżda din m'għandhiex tintuża biex toħloq rekwiżiti addizzjonali. Għaldaqstant, din il-kwistjoni mhijiex koperta bl-Artikolu 14(4). Bħala soluzzjoni ta' kompromess, huwa propost li jinżamm l-użu tad-devjazzjonijiet nazzjonali eżistenti fuq bażi tranżitorji, sakemm ikun hemm żmien suffiċjenti sabiex jiġu stabbiliti regoli komuni, b'mod simili għall-kwistjoni tal-approvazzjonijiet nazzjonali tal-klassifikazzjoni. Fir-rigward tar-regoli komuni 'li għandhom jiġu stabbiliti', irid jiġi nnotat li mhux biss l-istabbiliment tagħhom, iżda wkoll l-applikazzjoni tagħhom, se jkunu jeħtieġu perjodi ta' addattament sabiex jiġi assigurat li l-forrnituri tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru jkollhom il-mezzi sabiex jaddattaw il-pjanijiet u l-politika tagħhom dwar il-persunal għar-rekwiżiti li eventwalment se jinbidlu.

50. L-Artikolu 12 jittratta r-rekwiżiti rilevanti għall-kompetenza lingwistika. L-għan tal-paragrafu 1 ġdid li ddaħħal huwa li jenfasizza r-rekwiżit bażiku li wieħed ikun obbligat li jkollu **approvazzjoni lingwistika** fl-Ingliż sabiex ikun jista' jeżerċita l-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru. Iċ-ċaqliq tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(1) l-antik għall-aħħar ta' dan l-Artikolu (paragrafu 4) għandu l-għan li jikkjarifika li dak ir-rekwiżit japplika kemm għall-Ingliż kif ukoll għal-lingwa lokali.

51. L-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jimponu rekwiżiti lingwistiċi lokali meta dawn ikunu meqjusa neċessarji għal raġunijiet ta' sikurezza, bi qbil mar-rekwiżiti essenzjali tal-Anness Vb, punt 4(d)(ii) tar-Regolament Bażiku. Fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit tal-aħħar, għar-raġunijiet ta' armonizzazzjoni u trattament indaqs, huma proposti li jiddaħħlu rekwiżiti addizzjonali dwar it-trasparenza u proċedurali.

52. It-test tal-Anness III tad-Direttiva huwa integrat fir-rekwiżiti tal-paragrafu 3 sabiex tiġi enfasizzata l-applikabilità ġenerali tagħhom u sabiex is-sett komplut tar-rekwiżiti applikabbli jkun f'post wieħed. Din il-bidla editorjali żgur li għandha effett fuq l-Anness III, li m'għandux għalfejn jiġi ripetut, ħlief mit-tabella dwar l-iskala tal-klassifikazzjoni.

53. Paragrafu 5 jittratta l-possibbiltà li jkun meħtieġ livell estiż (livell ħamsa) tal-iskala ta' klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika, kif diġà stabbilit bid-Direttiva. Sabiex jiġu allokati b'mod ċar il-kompiti u r-responsabbiltajiet li ġeneralment huma attribwiti lill-Istati Membri taħt id-Direttiva, dan l-element huwa meqjus li l-aħjar li jiġi allokat lill-ANSPs, b'obbligu ta' ġustifikazzjoni u l-istess garanziji kif diġà stabbiliti fid-Direttiva u l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.

54. Għal raġunijiet ta' konsistenza, ir-regoli dwar il-validità tal-approvazzjonijiet lingwistiċi huma mqiegħda fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu. It-test huwa fformulat mill-ġdid abbażi tas-suġġeriment mill-esperti sabiex it-terminoloġija tiġi allinjata ma' elementi oħra li jittrattaw il-perjodi ta' validità. Huwa ssuġġerit li l-intervalli jiġu ffissati wara 3 u 6 snin (tneħħija ta' 'mhux itwal') għar-raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex jiġi evitat li l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jkunu obbligati jagħmlu testijiet lingwisti f'perjodi iqsar skont id-diskrezzjoni tal-ANSP.

55. Ir-rekwiżiti rilevanti għall-**approvazzjoni ta' istruttur** issa huma miġburin flimkien fl-Artikolu 13, fejn l-għan kien li jiġi kkjarifikat li l-approvazzjoni ta' istruttur, kif magħrufa mid-Direttiva, hija rilevanti biss fil-każ tat-taħriġ fuq ix-xogħol. Irid jiġi nnotat li r-rekwiżiti rilevanti mehmuża mar-Regolament Bażiku jsegwu approċċ ieħor, iżjed dettaljat lejn iċ-ċertifikazzjoni tal-istrutturi u t-terminoloġija użata hemmhekk tirrigwarda wkoll l-istrutturi fuq ħiliet teoretiċi. Billi fl-ewwel fażi, din ir-regola ta' implimentazzjoni kienet immirata lejn it-traspożizzjoni tar-rekwiżiti diġà eżistenti, ma kienx possibbli li jiġu elaborati r-rekwiżiti dettaljati u distinti neċessarji għaċ-ċertifikazzjoni tal-istrutturi.

56. B'referenza għall-paragrafu preċedenti, iddaħħlu wkoll ċerti bidliet editorjali fid-definizzjoni tar-rekwiżiti li jridu jissodisfaw l-applikanti għal approvazzjoni ta' istruttur. Iż-żieda fil-paragrafu 2(b) għandha l-għan li tikkjarifika li student kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma jikkwalifikax għal approvazzjoni ta' istruttur. Għandu jiġi nnotat li l-esperti

identifikaw il-ħtieġa li jiddaħħlu rekwiżiti aktar stretti bbażati fuq l-ESARR 5 fir-rigward tal-perjodu meħtieġ fil-paragrafu 2(b), iżda li fl-istess ħin jiġi żviluppat ukoll approċċ flessibbli mill-awtorità kompetenti li jippermetti perjodu mqassar f'ċirkustanzi definiti. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu elaborati aktar matul it-tieni fażi.

57. Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-dispożizzjoni dwar il-validità tal-approvazzjonijiet ta' istruttur hija mqiegħda wkoll f'dan l-Artikolu. Fit-tieni fażi jeħtieġ li jiġu elaborate kundizzjonijiet għat-tiġdid u l-validazzjoni mill-ġdid.

### *Kapitolu 4 — Ċertifikazzjoni medika*

58. Huwa ssuġġerit li jiġi ddedikat kapitolu speċifiku għall-kwistjoni taċ-**ċertifikazzjoni medika**. Ma kienu introdotti l-ebda bidliet, ħlief ċerti bidliet editorjali, fir-rigward tal-ħruġ taċ-ċertifikati mediċi u r-rekwiżiti sabiex jinħarġu ċ-ċertifikati.

59. Fir-rigward tal-**lat istituzzjonali** fil-qasam mediku, kienu introdotti ċerti bidliet terminoloġiċi sabiex it-test jiġi allinjat mat-terminoloġija użata f'Part-MED u fl-aġġornament tar-rekwiżiti mediċi tal-Eurocontrol Klassi 3. Ir-rekwiżiti msemmija, sabiex jinħarġu ċ-ċertifikati, baqgħu l-istess.

60. Kienet introdotta innovazzjoni sinifikanti fir-rigward tal-**validità taċ-ċertifikati mediċi** bil-għan li jiġu faċilitati l-validazzjonijiet mill-ġdid u t-tiġdid imwettaq mill-persunal mediku responsabbli, iżda biex fl-istess ħin ikun assigurat li jiġi salvagwardjat il-perjodu sħiħ ta' validità taċ-ċertifikati mediċi, li jfisser li l-applikant mhux se jirriskja li jitlef ġranet jew ġimgħat prezzjużi minħabba d-dipendenza tal-validità fuq id-data tal-eżami. It-test il-ġdid huwa bbażat fuq id-dispożizzjoni 1.2.4.2.1 tal-Anness 1 tal-ICAO dwar il-liċenzjar tal-persunal, li tistipula li l-perjodu validu ta' valutazzjoni medika jista' jiġi estiż, fid-diskrezzjoni tal-Awtorità li Toħroġ il-Liċenzji, sa 45 ġurnata. L-ICAO tirrakkomanda wkoll li l-ġurnata kalendarja li fiha tiskadi l-valutazzjoni medika tibqa' kostanti sena wara l-oħra billi d-data ta' skadenza tal-valutazzjoni medika kurrenti titħalla li tkun il-bidu tal-perjodu ġdid ta' validità bil-kundizzjoni li l-eżami mediku jsir matul il-perjodu ta' validità tal-valutazzjoni medika kurrenti iżda mhux aktar minn 45 ġurnata wara li jiskadi.

61. L-allokazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fir-rigward tat-**tnaqqis fis-saħħa fiżika** kellhom jiġu kkjarifikati meta mqabbla mat-test tad-Direttiva. Skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi f'dan ir-rigward, dan ir-Regolament l-ewwel irid ipoġġi obbligu fuq il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru sabiex ma jeżerċitawx il-privileġġi tagħhom f'każijiet ta' tnaqqis fis-saħħa fiżika. Suċċessivament irid jiġi ċċarat li l-obbligu ta' notifika tad-detentur ta' liċenzja ma jiddependix fuq jekk tkunx stabbilita jew le proċedura mill-fornitur tas-servizz tagħhom. It-tielet, jeħtieġ li tiġi stabbilita proċedura mill-fornitur tas-servizz sabiex jiġu indirizzati l-każijiet ta' tnaqqis fis-saħħa fiżika.

### *Kapitolu 5 — Rekwiżiti għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ*

62. Ir-rekwiżiti f'dan il-Kapitolu joħorġu mill-Artikolu 13 u mill-ewwel paragrafu tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/23/KE. Dawn ir-rekwiżiti ġew organizzati fi tliet Artikoli differenti kif ġej:

- Artikolu 17 'Ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ';
- Artikolu 18 'Sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ'; u
- Artikolu 19 'Rekwiżiti fir-rigward tal-korsijiet ta' taħriġ, pjanijiet ta' taħriġ inizjali u ta' taħriġ tal-unità u skemi ta' kompetenza tal-unità'.

63. It-terminu 'fornitur ta' taħriġ' ġie sostitwit bit-terminu 'organizzazzjoni ta' taħriġ' fl-abboz tat-test kollu. Ir-raġuni għal din il-bidla editorjali hija li dan it-terminu ġie adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew (minn hawn 'il quddiem 'il-leġislatur') għall-iskop tar-Regolament Bażiku. Barra minn hekk, dan huwa wkoll it-terminu użat fl-Anness 1 tal-ICAO.

64. Rigward l-Artikolu 17 dwar iċ-**ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ**, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva huwa diġà kopert fl-Artikolu 8c(6) u (7)

tar-Regolament Bażiku. Huwa l-prinċipju ġenerali tal-abbozzar legali li l-kwistjonijiet li diġà jkunu regolati mil-leġislazzjoni superjuri m'għandhomx jiġu ripetuti mir-regola implimentattiva. F'dan il-każ, l-Artikolu 8c tar-Regolament Bażiku diġà jitlob li l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ ikunu suġġetti għal ċertifikazzjoni. L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva li jinkludi r-rekwiżiti għall-kompetenza teknika u operattiva tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ, issa huwa inkluż fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 propost. L-Artikolu 13(3) tad-Direttiva huwa relatat mal-istabbiliment tal-awtorità kompetenti li lilha l-awtorità ta' taħriġ trid tissottometti l-applikazzjoni tagħha. Dan ġie trasferit għall-Artikolu 4 propost, li huwa artikolu ġenerali dwar l-istabbiliment tal-awtorità kompetenti li lilha l-applikant għal ċertifikat ta' organizzazzjoni ta' taħriġ irid jissottometti l-applikazzjoni tiegħu/tagħha. Importanti jiġi ssottolinjat li skont l-Artikolu 22b tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija hija l-awtorità kompetenti għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ li jinsabu barra mit-territorju tal-Istati Membri iżda li jħarrġu kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jkunu se jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom fi ħdan l-Istati Membri.

65. L-Artikolu 17 propost issa jibda b'dispożizzjoni ġenerali li teħtieġ lill-applikant jissottometti l-applikazzjoni tiegħu/tagħha lill-awtorità kompetenti bil-forma u l-mod deċiżi minn din l-awtorità kompetenti. Dan ir-rekwiżit ġenerali huwa rekwiżit tipiku għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet, ibbażat fuq il-prinċipju li l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-proċeduri u l-formoli għall-applikanti li jixtiequ jiksbu ċertifikat u l-applikanti jridu jużawhom biex japplikaw. Minħabba n-natura legali tagħha, id-Direttiva ma kinitx tinkludi dispożizzjoni bħal din, iżda l-Aġenzija tifhem li kull Stat Membru żviluppa dawn il-proċeduri u r-Regolamenti assoċjati li għandhom jintużaw mill-applikanti. It-tieni paragrafu huwa kundizzjoni (li jkollhom persunal u tagħmir adegwati sabiex jipprovdu taħriġ) għall-kisba ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni ta' taħriġ li joħroġ mill-Anness IV tad-Direttiva. L-aħħar paragrafu tal-Artikolu 17 jikkostitwixxi element ġdid meta pparagunat mad-Direttiva, li huwa neċessarju sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti essenzjali fl-Anness Vb punt 5(b)(i) tar-Regolament Bażiku. Huwa importanti ħafna għall-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza ta' organizzazzjoni ta' taħriġ li jkollha aċċess għall-bini tal-organizzazzjoni ta' taħriġ u għall-informazzjoni rilevanti neċessarja sabiex twettaq il-kompiti tagħha ta' sorveljanza.

66. L-Artikolu 18 propost dwar is-**sistema ta' ġestjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ** jinkludi prinċipalment ir-rekwiżiti li joħorġu mill-paragrafu 1 tal-Anness IV tad-Direttiva. Dan l-Artikolu jimplimenta r-rekwiżiti essenzjali fl-Anness Vb punt 5(b)(ii) tar-Regolament Bażiku. Dawn ir-rekwiżiti huma allinjati mar-rekwiżiti kontenuti fl-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 4 tal-Anness 1 tal-ICAO li jitolbu li l-organizzazzjoni ta' taħriġ timplimenta sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza (SMS). Filwaqt li l-Appendiċi 2 tal-Anness 1 tal-ICAO jitlob SMS u sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli, il-leġislatur ma talabx li jkun hemm żewġ sistemi independenti iżda 'sistema ta' ġestjoni' li tippermetti lill-organizzazzjonijiet li jorganizzaw ruħhom bl-aktar mod li jkun adatt għalihom biex jilħqu l-għanijiet tas-sikurezza. Dan huwa l-prinċipju propost mill-Aġenzija fin-NPA 2008-22 li għandu jiġi applikat fir-rigward ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ oħra tal-avjazzjoni. Minħabba l-fatt li l-Aġenzija trid tillimita l-bidliet proposti fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal livell minimu, il-proposta tinkludi biss tliet bidliet li huma kkunsidrati bħala neċessarji f'dan l-istadju:

(1) L-introduzzjoni tat-terminu sistema ta' ġestjoni biex timplimenta r-Regolament Bażiku. Dan ifisser li r-rekwiżit li jkun hemm struttura ta' ġestjoni u li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' kwalità għandhom jitqiesu bħala li huma partijiet mir-rekwiżit li tiġi implimentata u miżmuma sistema ta' ġestjoni skont ir-rekwiżiti essenzjali fil-punt 5(d)(ii) tal-Anness Vb tar-Regolament Bażiku. Dan l-approċċ huwa rifless fil-bidliet proposti;

(2) Il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet jaħtru maniġer kontabbli. L-Aġenzija tħoss li d-definizzjoni tal-kontabilità diretta tal-maniġer kontabbli għas-sikurezza hija rekwiżit importanti ħafna tas-sikurezza. Dan ir-rekwiżit jaqbel ukoll mal-paragrafu 1.2 tal-Appendiċi 4 tal-Anness 1 tal-ICAO.

(3) L-introduzzjoni ta' rekwiżit għaż-żamma tar-rekords sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti essenzjali fl-Anness Vb punt 5(d)(i) tar-Regolament Bażiku. Għalkemm l-istandards tal-industrija għas-sistema tal-kwalità jistgħu jinkludu dan ir-rekwiżit fil-parattika, fl-opinjoni tal-Aġenzija huwa neċessarju li jiġi ggarantit li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun tista' tintraċċa l-attivitajiet tal-organizzazzjoni ta' taħriġ meta tispezzjonahom.

Filwaqt li l-Aġenzija kienet tippreferi li jiġu mtejba aktar id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva fir-rigward tar-rekwiżiti għal sistema ta' ġestjoni, il-bidliet proposti isa huma limitati biss għal dak li huwa assolutament neċessarju.

67. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 propost dwar ir-**rekwiżiti fir-rigward tal-korsijiet ta' taħriġ, il-pjanijiet ta' taħriġ inizjali u ta' taħriġ tal-unità u l-iskemi ta' kompetenza tal-unità** huma meħudin direttament mill-paragrafu 1(c) tal-Anness IV tad-Direttiva. Minbarra l-bidliet tas-soltu ('NSA' sostitwita b'^awtorità kompetenti' u t-terminu 'fornitur ta' taħriġ' sostitwit bit-terminu 'organizzazzjoni ta' taħriġ'), l-introduzzjoni tat-terminu 'fejn applikabbli' qabel 'pjan ta' taħriġ tal-unità' u ż-żieda tat-terminu 'valutatur' mat-terminu 'eżaminatur' huma l-bidliet editorjali proposti. It-terminu 'fejn applikabbli' ġie miżjud sabiex jagħmilha ċara li organizzazzjoni ta' taħriġ tista' tipprovdi taħriġ inizjali biss u f'tali każ żgur li m'għandhiex għalfejn tipprovdi pjanijiet ta' taħriġ tal-unità. It-terminu 'eżaminatur' kien użat fit-test tad-Direttiva, filwaqt li t-terminu 'valutatur' issa huwa użat fir-Regolament Bażiku. Madankollu, id-Direttiva ma tinkludi l-ebda kriterju għall-kundizzjonijiet li japplikaw jew għall-approvazzjoni tal-eżaminaturi jew għall-valutaturi. Għalkemm ir-Regolament Bażiku jinkludi kriterji ċari għall-valutaturi, l-Aġenzija, fuq il-bażi tal-istruzzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq kif ukoll tal-opinjoni tal-grupp ta' esperti, qieset li l-implimentazzjoni u d-determinazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-valutaturi u, jekk ikun meħtieġ, għall-eżaminaturi, għandhom ikunu posposti għat-tieni fażi.

68. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 tal-Anness IV tad-Direttiva baqgħu l-istess u tpoġġew fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament propost. Billi l-kontenut tal-Anness ġie addattat, it-titolu tiegħu ġie mibdul ukoll sabiex jirreferi preċiżament għall-**ispeċifikazzjonijiet għaċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ**.

### *Kapitolu 6 — Rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti*

69. Ir-rekwiżiti f'dan il-kapitolu joħorġu mill-Artikoli 3(2), 3(3), 4(6), 4(7), 13(5), 13(6), 14 u 15 tad-Direttiva 2006/23/KE. Dawn ir-rekwiżiti ġew organizzati f'Artikoli differenti kif ġej:

- Artikolu 20 'Indipendenza tal-awtorità kompetenti';
- Artikolu 21 'Kompiti tal-awtoritajiet kompetenti';
- Artikolu 22 'Ħruġ u żamma ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet u ċertifikati';
- Artikolu 23 'Valutazzjoni tal-kompetenza';
- Artikolu 24 'Żamma tar-rekords';
- Artikolu 25 'Skambju tal-informazzjoni';
- Artikolu 26 'Proċedura ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ';
- Artikolu 27 'Monitoraġġ tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-infurzar';
- Artikolu 28 'Entitajiet kwalifikati'; u
- Artikolu 29 'Rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru'.

70. L-istess bħal f'kapitoli oħra, it-terminu 'fornitur ta' taħriġ' ġie sostitwit bit-terminu 'organizzazzjoni ta' taħriġ' u t-terminu 'awtorità nazzjonali ta' sorveljanza' ġie sostitwit bit-terminu 'awtorità kompetenti'.

71. L-Aġenzija tħoss li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(2) u 3(3) tad-Direttiva huma neċessarji sabiex jiggarantixxu l-**indipendenza tal-awtorità kompetenti** mill-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru u mill-organizzazzjoni ta' taħriġ. In-notifika tal-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-bidliet fihom issa għandha ssir lill-Aġenzija minflok lill-Kummissjoni Ewropea. Din il-bidla ġiet introdotta minħabba li l-Aġenzija għandha bżonn din l-informazzjoni għall-iskop tal-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Bażiku. Wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea, ġie maqbul li l-Istati Membri mhux se jkollhom bżonn jipprovdu din l-informazzjoni darbtejn (lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Aġenzija) iżda darba biss (lill-Aġenzija). Barra minn hekk, billi l-Aġenzija tissottometti r-rapporti ta' standardizzazzjoni tagħha lill-Kummissjoni, se tiġi sottomessa wkoll l-informazzjoni rilevanti dwar l-awtoritajiet kompetenti.

72. L-Artikolu 21 propost dwar il-**kompiti tal-awtoritajiet kompetenti** jibni fuq l-Artikolu 14 tad-Direttiva. Instab li kien aktar xieraq li jinbidel it-titolu ta' dan l-Artikolu għal 'Kompiti tal-awtoritajiet kompetenti' sabiex ikun jirrifletti aħjar il-kontenut tiegħu. Għalkemm l-Aġenzija tħos li l-kontenut ta' dan l-Artikolu ma jżid l-ebda obbligu addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti meta mqabbla ma' dawk li diġà huma mitluba minn artikoli oħra ta' dan l-abbozz ta' Regolament, l-Aġenzija ddeċidiet li żżomm din il-lista sabiex tillimita l-bidliet fit-test tad-Direttiva kemm jista' jkun f'livell minimu. Din il-konsiderazzjoni u l-ħtieġa għall-konsistenza jwasslu għall-introduzzjoni ta' kompitu addizzjonali tal-awtorità kompetenti fil-punt (ħ), jiġifieri l-kompitu li japprovaw it-talba tal-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li jkun jixtieq li jitlob livell estiż (livell 5) ta' kompetenza lingwistika mill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jimpjega. Dan ir-rekwiżit huwa meħtieġ sabiex jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(5) propost u sabiex jiggarantixxi li din il-prattika ssir b'mod non-diskriminatorju, proporzjonat, trasparenti u ġustifikat b'mod oġġettiv.

73. L-ewwel tliet paragrafi li ddaħħlu ġodda tal-Artikolu 22 huma proposti sabiex jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 4(6) u 4(7) tad-Direttiva dwar il-**ħruġ ta' liċenzji u klassifikazzjonijiet assoċjati, approvazzjonijiet u ċertifikati mediċi** kif ukoll it-tiġdid u l-validazzjoni mill-ġdid tagħhom. Dawn ir-rekwiżiti huma rekwiżiti komuni għall-għoti ta' liċenzji għall-awtoritajiet kompetenti li huma meħtieġa sabiex jikkumplimentaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-applikanti għal-liċenzji (eż. rekwiżiti sabiex jiġu stabbiliti proċeduri għall-applikazzjoni, ħruġ, tiġdid u validazzjoni mill-ġdid, rekwiżiti dwar il-proċess li għandu jiġi segwit meta l-awtorità kompetenti tirċievi l-applikazzjoni). Tali dispożizzjonijiet ma kinux inklużi fid-Direttiva minħabba n-natura legali tagħha. Madankollu, l-Aġenzija tifhem li dawn ir-rekwiżiti ġenerali għall-għoti ta' liċenzja huma meħtieġa meta d-Direttiva tiġi trasposta f'Regolament Implimentattiv. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet proposti se jiffaċilitaw, fit-tieni fażi, l-integrazzjoni tar-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti fl-istruttura tar-regoli orizzontali, proposta mill-Aġenzija fin-NPA 2008-22 tagħha b'mod partikolari, meta dawn ir-rekwiżiti jiġu integrati fis-sottoparti ġenerali (imsejħa sottoparti AR.GEN) applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha meta jissorveljaw organizzazzjonijiet tal-avjazzjoni u professjonijiet suġġetti għal-liċenzji.

74. Id-dispożizzjonijiet proposti fl-Artikoli 23, 24 u 25 dwar il-**valutazzjoni tal-kompetenza, iż-żamma tar-rekords u l-iskambju tal-informazzjoni** huma trasposti mill-paragrafi 14(4), 14(3) u 14(2) tad-Direttiva. L-ordni proposta nstabet li hija aktar loġika fir-rigward tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti. Id-dispożizzjonijiet proposti se jkunu jridu jiġu valutati u eventwalment riveduti matul it-tieni fażi meta jiġu integrati flimkien ir-rekwiżiti kollha għall-awtoritajiet. Importanti jerġa' jiġi ssottolinjat li r-Regolament propost ma jinkludix ir-rekwiżiti rilevanti għall-eżaminaturi, kif ukoll ir-rekwiżiti u l-kriterji għall-approvazzjoni li għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti. Kif diġà ntqal aktar 'il fuq, dawn ir-rekwiżiti se jiġu żviluppati matul it-tieni fażi. Irid jiġi ssottolinjat ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 dwar l-iskambju tal-informazzjoni huma diġà koperti bl-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku; għalhekk dan l-Artikolu għandu jitneħħa minn din ir-regola implimentattiva, li, madankollu, ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti mill-mandat limitat mogħti lill-Aġenzija għall-approċċ 'veloċi'.

75. Id-dispożizzjonijiet proposti fl-Artikoli 26 u 27 dwar il-**proċedura ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ** huma bbażati fuq il-paragrafi 13(3), 13(5), 13(6) u 14(5) tad-Direttiva. Iż-żieda tal-paragrafu 1 fl-Artikolu 26 hija meqjusa bħala neċessarja sabiex tikkumplimenta r-rekwiżiti rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ mill-perspettiva tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti għalhekk hija meħtieġa li tistabbilixxi l-proċeduri rilevanti għall-applikazzjoni, il-ħruġ u ż-żamma tal-validità taċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ. Filwaqt li d-Direttiva ma kinitx tinkludi tali dispożizzjonijiet, ir-rekwiżit propost huwa meħtieġ meta d-Direttiva tiġi trasposta f'Regolament Implimentattiv. Dan ir-rekwiżit, flimkien mar-rekwiżit għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jistabbilixxu proċeduri għal-liċenzjar tal-ATCOs, se jiġi simplifikat meta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu jiġu integrati fl-istruttura tar-regoli orizzontali; bħala tali, dawn ir-rekwiżiti se jkunu parti mir-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni għall-awtoritajiet kompetenti.

76. Rigward l-Artikolu 27(3), bidla editorjali oħra hija s-sostituzzjoni tat-terminu 'żjarat fuq il-post' bit-terminu 'spezzjonijiet għal għarrieda'. It-terminu 'żjarat fuq il-post' kien meqjus mill-esperti bħala ambigwu billi mhuwiex terminu komuni li jintuża meta jiġu deskritti l-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, fil-kuntest tar-Regolament Bażiku u r-regoli implimentattivi tiegħu għar-rekwiżiti dwar l-awtoritajiet, jintuża t-terminu 'spezzjonijiet' u 'spezzjonijiet għal għarrieda'. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa mill-Aġenzija, il-bidla proposta mhijiex ikkunsidrata li għandha xi impatt la fuq l-awtoritajiet kompetenti u lanqas fuq l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ billi hija tikkjarifika biss il-ħsieb tal-bidla. Barra minn hekk, l-ambitu tat-terminu 'żjarat' mhuwiex definit fid-Direttiva, filwaqt li t-tifsira ġenerali ta' spezzjoni tista' tinstab b'mod ġenerali fir-Regolament Bażiku (eż. l-Artikolu 54 tar-Regolament Bażiku).

77. Irid jiġi nnotat ukoll li l-Artikolu 27(5) dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huwa superfluwu, meta wieħed jikkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament Bażiku. Minn perspettiva ta' abbozzar legali, dispożizzjonijiet li diġà jkunu stabbiliti mil-leġislazzjoni superjuri m'għandhomx jiġu ripetuti f'regola implimentattiva, u għalhekk il-paragrafu għandu jitneħħa. Madankollu, dawn il-konsiderazzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti mill-mandat mogħti lill-Aġenzija għall-approċċ 'veloċi'.

78. L-Artikolu 28 tar-Regolament propost dwar l-**entitajiet kwalifikati** huwa bbażat fuq il-paragrafu 14(6) tad-Direttiva. L-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku jippermetti lill-awtorità kompetenti tiddelega kwalunkwe kompitu ta' ċertifikazzjoni. Fuq il-bażi tal-kunċett wara t-terminu 'ċertifikazzjoni' fir-Regolament Bażiku, kwalunkwe kompitu ta' sorveljanza relatat mal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ huwa meqjus bħala kompitu ta' ċertifikazzjoni jekk dan ikun meħtieġ sabiex jinkiseb ċertifikat jew sabiex jinżamm iċ-ċertifikat validu. Għaldaqstant, huwa propost li titneħħa r-referenza speċifika għal kompitu partikolari tal-awtorità kompetenti. Fuq il-bażi tal-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku, l-awtorità kompetenti tista' tiddelega kwalunkwe kompitu ħlief il-ħruġ ta' liċenzji u ċertifikati (u l-limitazzjoni, sospensjoni jew revoke tagħhom). Barra minn hekk, ir-referenza għall-Artikolu 3 tar-Regolament (EC) Nru 550/2004 ġiet sostitwita b'referenza għall-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku bħala l-bażi legali għal din ir-regola implimentattiva. Importanti wkoll wieħed jissottolinja li r-Regolament (KE) Nru 1070/2009 emenda l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u ssostitwixxa t-terminu 'entità rikonoxxuta' bit-terminu 'entità kwalifikata'. Għat-tieni fażi, l-Aġenzija se tevalwa l-ħtieġa li jinżamm tali artikolu meta tqis li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma diġà inklużi fir-Regolament Bażiku u li l-paragrafu jista', fil-prinċipju, jitneħħa.

79. L-Artikolu 29 dwar ir-**rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru** jittrasponi l-Artikolu 15 tad-Direttiva. L-ewwel nett, irid jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji u ċertifikati maħruġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma superfluwi, meta wieħed iqis l-Artikolu 11

tar-Regolament Bażiku. Minn perspettiva ta' abbozzar legali, dispożizzjonijiet li diġà jkunu stabbiliti mil-leġislazzjoni superjuri m'għandhomx jiġu ripetuti f'regola implimentattiva, u għalhekk il-paragrafu għandu jitneħħa. Madankollu, dawn il-konsiderazzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti mill-mandat limitat mogħti lill-Aġenzija għall-approċċ 'veloċi'. Mill-banda l-oħra, id-Direttiva għandha approċċ iżjed restrittiv lejn ir-rikonoxximent reċiproku meta mqabbla mar-Regolament Bażiku, billi hija tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li ma jagħrfux il-liċenzji ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li ma jkunux laħqu l-limitu minimu tal-età ta' 21 sena. Kif spjegat aktar 'il fuq, tali limitazzjoni mhijiex konformi mal-prinċipji tar-Regolament Bażiku u tqajjem tħassib legali peress li regola implimentattiva m'għandhiex id-dritt li tiddevja mil-leġislazzjoni superjuri.

80. Sabiex tegħleb id-diffikultà li toriġina mill-mandati kunfliġġenti li rċeviet, l-Aġenzija issa qiegħda tipproponi żewġ opzjonijiet għall-arbitraġġ politiku. Fl-Opzjoni A, kif ippreżentata fl-abbozz ta' test, il-paragrafu 1 jikkonsisti minn sentenza waħda, li qiegħda ssaħħaħ il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku mingħajr l-ebda limitazzjoni ulterjuri. L-Opzjoni B, madankollu, iżżomm ukoll tieni sentenza li żżid possibbiltà ta' limitazzjoni għall-Istati Membri fir-rigward ta' dawk il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jkunu għadhom ma laħqux il-limitu minimu tal-età ta' 21 sena. Sabiex ma tikkompromettix il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, din il-limitazzjoni hija fformulata b'mod kemxejn differenti meta mqabbel mad-Direttiva u tillimita l-eżerċizzju tal-privileġġi ta' dawk il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jkunu għadhom ma laħqux l-età ta' 21 sena, għall-Istat Membru li jkun ħareġ il-liċenzja tagħhom. Bla dubju ta' xejn, l-opzjoni B f'dan l-Artikolu tista' tintgħażel biss flimkien mal-opzjoni B ippreżentata fl-Artikolu 8(3)(a) dwar jekk għandhiex tiġi permessa jew le devjazzjoni mir-rekwiżit tal-età minima.

81. Il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 29 propost jikkupjaw il-bqija tal-Artikolu 15 tad-Direttiva. Dawn ir-rekwiżiti jirregolaw il-proċeduri għall-każijiet fejn detentur ta' liċenzja jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun inħarġet il-liċenzja. Il-kontenut ta' dawn il-paragrafi u l-proċedura deskritta baqgħu l-istess.

### *Kapitolu 7 — Dispożizzjonijiet finali*

82. Minħabba l-bidliet fin-natura legali, il-ħin u l-obbligi tal-Istati Membri, ċerti dispożizzjonijiet ma ġewx trasposti billi huma antikwati, bħall-Artikolu 14(7) dwar is-sottomissjoni ta' rapport kull tliet snin dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva. Minħabba li d-Direttiva diġà tħassret, u meta jitqies id-dħul fis-seħħ mistenni ta' dan ir-Regolament, huwa superfluwu li jiġi sottomess rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva. Mill-banda l-oħra, l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-Aġenzija fuq il-bażi ta' din ir-regola implimentattiva, għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

83. Bl-istess mod, l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar l-addattament għall-progress tekniku u xjentifiku huwa kkunsidrat bħala żejjed, meta jitqies il-livell differenti tal-istrument legali l-ġdid. Li Regolament tal-Kummissjoni jservi bħala regola implimentattiva jfisser li kwalunkwe emenda f'dan ir-Regolament għandha ssir ukoll bl-istess proċedura għall-atti ddelegati (aktar kmieni: komitoloġija), għaldaqstant m'hemmx bżonn li tiġi speċifikata l-applikabilità tiegħu għal ċerti dispożizzjonijiet.

84. Minflok, huwa ssuġġerit li tiddaħħal **klawsola ta' reviżjoni** ġdida fl-Artikolu 30 bil-għan li tistabbilixxi konformità sħiħa mar-rekwiżiti essenzjali tar-Regolament Bażiku. L-Aġenzija qiegħda tipproponi li tagħmel evalwazzjoni tas-sistema Ewropea għall-għoti ta' liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li għandha tirriżulta f'Opinjoni li tidentifika t-titjib ulterjuri li hemm bżonn u l-ħtiġijiet sabiex tiġi stabbilita konformità sħiħa mar-Rekwiżiti Essenzjali. Din l-Opinjoni tista' tinkludi wkoll emendi possibbli f'dan ir-Regolament. Klawsola ta' reviżjoni bħal din tikkostitwixxi element tipiku tar-regoli implimentattivi li diġà huma adottati fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni.

85. L-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar it-twaqqif ta' kumitat u l-ispeċifikazzjoni tal-proċedura applikabbli, mhuwiex rilevanti f'regola implimentattiva, billi din ir-regola ma tiddelegax

kompiti għal livell aktar baxx u l-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet relatati mal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru huwa diġà stabbilit mill-Artikolu 8c(10) tar-Regolament Bażiku. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma ġietx trasposta.

86. L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar il-penali huwa wkoll ikkunsidrat bħala mhux neċessarju billi dan is-suġġett huwa rregolat b'mod suffiċjenti fl-Artikolu 68 tar-Regolament Bażiku.

87. Rigward l-**arranġamenti tranżitorji**, iddaħħlu żewġ dispożizzjonijiet ġidda fl-Artikolu 31 dwar iż-żamma tal-applikabilità tal-approvazzjonijiet nazzjonali eventwali tal-klassifikazzjonijiet li l-Istati Membri għandhom mnejn ikunu żviluppaw fuq il-bażi tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva u dwar il-possibbiltà tal-Istati Membri li jillimitaw l-eżerċizzju tal-privileġġi ta' approvazzjoni tal-unità taħt età partikolari fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. L-Aġenzija qiegħda tipproponi li tippermetti lill-Istati Membri li diġà jagħmlu użu minn dawn id-dispożizzjonijiet, li jżommu l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti tagħhom fuq bażi tranżitorji sakemm jiġu elaborati u jsiru applikabbli r-regoli komuni f'dawn l-oqsma. Fir-rigward tar-regoli komuni tat-tieni fażi, irid jiġi nnotat li mhux biss l-istabbiliment tagħhom, iżda anki l-applikazzjoni tagħhom se tkun teħtieġ perjodi ta' tranżizzjoni u addattament sabiex ikun żgurat li l-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni bl-ajru jkollhom il-mezzi sabiex jaddattaw il-pjanijiet u l-politiki tagħhom għar-rekwiżiti li eventwalment ser jinbidlu. Il-benefiċċju ċar ta' dan l-approċċ huwa li jippermetti tranżizzjoni faċli, kif mitlub mir-Regolament Bażiku, mingħajr ma jikkomprometti s-sistema stabbilita minnu, billi ma jippermettux lill-Istati Membri milli jkomplu jistabbilixxu devjazzjonijiet mir-regoli ġenerali barra mill-possibbiltà mogħtija fihom. Sabiex ikun żgurat il-fluss xieraq tal-informazzjoni, l-Istati Membri huma mitluba wkoll li jinfurmaw lill-Aġenzija meta jagħmlu użu minn dawn l-arranġamenti tranżitorji.

88. F'dan l-Artikolu huma inklużi dispożizzjonijiet addizzjonali oħra sabiex jirriflettu l-**arranġamenti tranżitorji** neċessarji **fir-rigward tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet, iċ-ċertifikati mediċi u ċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ**.

- Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(4) għandhom jeżentaw il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet, iċ-ċertifikati mediċi u ċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ li nħarġu fuq il-bażi ta' leġislazzjoni nazzjonali maħruġa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva.

- Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(5) għandhom jiggarantixxu li dawk l-applikanti li jkunu diġà applikaw għal liċenzja, klassifikazzjoni, approvazzjoni, ċertifikat mediku jew ċertifikat ta' organizzazzjoni ta' taħriġ, iżda li tkun/ikun għadu/għadha ma nħarġitilhomx/inħariġilhomx, juru konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qabel ma tinħarġilhom/jinħarġilhom il-liċenzja, klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat rilevanti. Billi r-rekwiżiti rilevanti ma nbidlux b'mod fundamentali meta mqabbla ma' dawk li hemm fid-Direttiva, l-Aġenzija tqis l-impatt ta' din id-dispożizzjoni bħala wieħed baxx.

- Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) u 31(7) huma neċessarji għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ li jkollhom lill-Aġenzija bħala l-awtorità kompetenti (organizzazzjonijiet ta' taħriġ li jkollhom il-post prinċipali tal-operazzjoni tagħhom barra t-territorju tal-Istati Membri). Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 31(6) jiggarantixxu l-kontinwità tal-proċess ta' ċertifikazzjoni li diġà nbeda mill-awtorità(jiet) kompetenti tal-Istati Membri u jassiguraw tranżizzjoni mingħajr problemi għal dawk l-applikanti. Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 31(7) għandhom jassiguraw dak it-trasferiment tal-attivitajiet ta' sorveljanza mill-awtorità(jiet) tal-Istati Membri lill-Aġenzija sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Aġenzija tħoss li sitt xhur għandhom ikunu żmien biżżejjed sabiex tipprepara biex tassumi r-responsabbiltajiet allokati mil-leġislatur fir-Regolament Bażiku (ara l-Artikolu 22b).

89. L-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar it-traspożizzjoni ma japplikax minħabba n-natura mibdula tal-istrument legali; għaldaqstant, din id-dispożizzjoni ma ġietx trasposta. Wara

d-dħul fis-seħħ tiegħu, dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

90. Dwar id-**dħul fis-seħħ** ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija qiegħda tipproponi l-approċċ standard, jiġifieri fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan jaqbel ukoll mat-talba riċenti tal-Istati Membri sabiex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-hekk imsejjaħ pakkett SES II.

***Annessi***

91. L-Anness I, li jinkludi l-**ispeċifikazzjonijiet għal-liċenzji**, baqa' l-istess ħlief għal xi aġġornamenti editorjali żgħar.

92. L-Anness II, li jispeċifika r-**rekwiżiti ta' taħriġ**, jinkludi r-referenza aġġornata għall-aħħar edizzjoni tal-'i*Specification for the ATCO Common Core Content Initial Training*' tal-Eurocontrol tal-21 ta' Ottubru 2008, li hija kkunsidrata bħala aġġornament tekniku neċessarju. Barra minn hekk, ir-rekwiżit sabiex il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jiġu mħarrġa fis-sikurezza, is-sikurezza u l-immaniġġjar ta' kriżijiet, li joħroġ mill-Artikolu 4(8) tad-Direttiva ġie miżjud kemm mar-rekwiżiti tat-taħriġ tal-unità fil-Parti B kif ukoll mar-rekwiżiti tat-taħriġ ta' kontinwazzjoni fil-Parti Ċ abbażi tal-opinjoni tal-esperti, sabiex ikun żgurat li l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jkunu suffiċjentement imħarrġa, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ta' sikurezza lokali u mmaniġġjar ta' kriżijiet, u naturalment ukoll is-sikurezza.

93. Billi l-elementi deskrittivi tal-Anness III ġew trasferiti għall-Artikolu 12 dwar l-approvazzjoni lingwistika, dan l-anness issa jinkludi t-tabela bl-**iskala ta' klassifikazzjoni tal-kompetenza lingwistika** biss.

94. Ġie ristrutturat ukoll l-Anness IV bl-inseriment tal-elementi deskrittivi fl-artikoli rilevanti; għalhekk huwa jinkludi biss il-paragrafu 2 preċedenti dwar l-**ispeċifikazzjonijiet għaċ-ċertifikati tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ**.

## IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju

95. L-għan ta' Valutazzjoni tal-Impatt Regolatorju (RIA) huwa li tivvaluta l-konsegwenzi ta' ċerti regoli u rekwiżiti li għandhom jiġu żviluppati. F'dan il-każ, din tindirizza r-rekwiżiti fir-rigward tal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Il-valutazzjoni għalhekk għandu jkollha l-għan li ssostni l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku emendat.

96. L-għan u l-metodoloġija ta' RIA ġew spjegati f'diversi dokumenti relatati, eż. ir-RIA dwar l-estensjoni tal-kompetenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) għar-Regolazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizzi ta' Navigazzjoni bl-ajru (ATM/ANS)[9].

97. L-implimentazzjoni tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru issa teħtieġ żewġ fażijiet. L-ewwel fażi ('veloċi') hija mmirata lejn it-trasferiment tad-Direttiva diġà eżistenti mingħajr tibdil sinifikanti fil-livell tar-rekwiżiti sostantivi, bi qbil mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku.

98. L-Opinjoni preżenti tinkludi sett ta' abbozz ta' miżuri implimentattivi li ġew trasferiti mid-Direttiva 2006/23/KE. Ma kienx hemm bidliet sinifikanti fil-kontenut tad-Direttiva, li jiġġustifikaw analiżi ulterjuri fil-kuntest ta' RIA, li jfisser li l-bidliet żgħar ikkategorizzati u spjegati aktar 'il fuq, ma jagħtux lok għal alternattivi jew opzjonijiet oħra li jimmeritahom studju addizzjonali. Għalhekk ma saritx RIA speċifika f'dan l-istadju.

---

9 www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/opinions/Translations/01_2008/Attachment%202%20-%20RIA.pdf

99. Għalkemm jista' jiġi konkluż li m'hemmx riskji immedjati fil-qasam tal-ATM, għad hemm bosta aspetti li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Is-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-infurzar għadhom mhumiex qegħdin jiffunzjonaw sewwa u għad m'hemmx uniformità fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza tal-ATM/ANS. Ir-RIA dwar l-estensjoni tas-sistema tal-EASA għar-regolazzjoni tal-Ġesjoni tat-Traffiku tal-Ajru u s-Servizi ta' Navigazzjoni bl-ajru (ATM/ANS)[10] diġà sostniet u din l-analiżi tikkonferma li hemm bżonn li tittieħed azzjoni. Għalkemm l-ajru Ewropew huwa sigur, huwa evidenti li għad hemm xi aspetti li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Dan jinvolvi prinċipalment il-mira ta' regolament ċar u sorveljanza uniformi. Fit-tieni fażi tal-implimentazzjoni, dan se jiġi evalwat u indirizzat ulterjorment.

## V. Konklużjonijiet

100. L-Aġenzija ppreparat din l-Opinjoni bħala tweġiba lill-Kummissjoni Ewropea u t-talba tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku biex timplimenta l-estensjoni tas-sistema regolatorja Ewropea tas-sikurezza fl-avjazzjoni għall-ATM/ANS fl-ewwel fażi permezz tal-hekk imsejjaħ proċess 'veloċi'. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija rriflettiet bir-reqqa l-parir addizzjonali li rċeviet matul il-proċess, mingħand il-Kummissjoni, il-Kumitat dwar l-Ajru Uniku u l-Bord Amministrattiv tal-EASA kif ukoll mingħand il-partijiet interessati kollha involuti.

101. L-Aġenzija temmen bis-sħiħ li dan il-proċess 'veloċi' għandu jipprovdi benefiċċji bikrija fis-sistema regolatorja tas-sikurezza bħal:

- L-applikabilità diretta ta' Regolament tal-Kummissjoni tilħaq b'mod iżjed effiċjenti l-livell għoli u uniformi ta' sikurezza meta mqabbel ma' Direttiva b'livelli u metodi differenti u diverġenti ta' traspożizzjoni nazzjonali;
- Sistema ta' liċenzjar permezz ta' regoli li japplikaw direttament għandha tiffaċilita l-istabbiliment tal-arranġamenti ta' FAB;
- L-Aġenzija tista' tiżviluppa mezzi aċċettabbli ta' konformità u speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li l-użu tagħhom jiffaċilita l-osservanza tar-regoli u jipprovdi l-proporzjonalità u s-sussidjaretà neċessarja. Dan jimplika wkoll li jsir użu mill-aħjar prattiċi tal-industrija;
- Ir-regoli ġodda fis-seħħ jipprovdu l-bażi legali għall-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li għandhom l-għan li jassiguraw l-applikazzjoni sigura u uniformi ta' regoli komuni u li jassistu lill-awtoritajiet fir-rwol tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza;
- L-Aġenzija se ssir l-awtorità kompetenti fil-kompiti attribwiti lilha bil-liġi – għall-ANSP pan-Ewropej u mhux tal-UE, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-ATCO mhux Ewropej;
- Elementi oħra fis-sistema Ewropea tas-sikurezza fl-avjazzjoni – bħal ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll miżuri ta' infurzar stipulati fil-BR – jibdew japplikaw ukoll f'dan il-qasam;
- L-Aġenzija tista' tikkontribwixxi permezz ta' diversi miżuri regolatorji għall-implimentazzjoni tas-SES II, fosthom b'mod partikolari s-sostenn tal-arranġamenti ta' FAB, it-traspożizzjoni tas-SARPs tal-ICAO, is-sorveljanza tas-sikurezza tal-funzjonijiet ta' ġestjoni tan-netwerk tal-ATM u s-sostenn tal-implimentazzjoni tal-programm SESAR.

---

10 www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/opinions/Translations/01_2008/Attachment%202%20-%20RIA.pdf

102. L-Aġenzija tirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda l-proċess eżekuttiv għall-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-Kummissjoni dwar il-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni medika tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fuq il-bażi tal-Opinjoni preżenti.

Cologne, 28 ta' Mejju 2010

P. GOUDOU

Direttur Eżekuttiv